***IR-RANDAN - DARI U L-LUM***

## ZMIEN IR-RANDAN

Ir-Randan ta' dari, bil-festi tal-Gimgha l-Kbira, kien bil-wisq differenti mil-lum u kien zmien ghaziz u zmien qaddis, kollu drawwiet gejjin mill-qedem. Illum baqa' biss ismu u t-tifkiriet nostalgici tieghu, almenu ghal dawk li ghadhom jiftakruhom. Ghal x'uhud, minkejja li huma xjuh, ir-Randan ghadu dak ta' dari u josservawh bhalma kien jobbliga l-precett ta' l-imghoddi.

Ir-Randan kien jibda mill-ewwel Erbgha ta' l-Irmied ta' wara l-Karnival u jispicca nhar is-Sibt il-Ghid f'nofs inhar. Is-Sawm kien obbligat ghal dawk kollha li kienu ghalqu t-tmintax-il sena sa dawk li ghalqu s-sittin. Kienu jridu jsumu u min ma kienx isum kien jaghmel dnub mejjet. Nhar ta' Gimgha hadd ma kien jiekol laham u hafna lanqas latticni. Is-sawm kien jibda minn fil-ghodu bil-kafe jew te' u xi haga zghira mieghu. L-ikla ta' nofs in-nhar u ta' fil-ghaxija kienet tkun bil-qies u fil-ghaxija ma kontx tista' tiekol aktar minn kwart hobz.

Il-lum ghalkemm is-sawm kif kien fl-antik spicca, baqa' biss obbligatorju l-Erbgha ta' l-Irmied u l-Gimgha l-Kbira; pero' il-knisja tistieden li n-nisrani jaghzel hu x'penitenza jrid jaghmel u thajjar hafna biex nhar ta' Erbgha u Gimgha ta' zmien ir-Randan jithares is-sawn u l-astinenza. Bhal dari il-parrocci jorganizzaw l-ezercizzji ghal-insara biex dawn jattendu ghalihom halli jservuhom ta' gwida ghall-hajja nisranija: fejn hemm id-difetti, dawn jitqacctu u jilbsu l-virtu'. B'hekk inkunu qed inhejju t-triq ghal-Mulej.

## HADD IN-NIES

Gewwa Haz-Zabbar, Hadd fuq il-Karnival u li jahbat ukoll l-ewwel Hadd tar-Randan isir pellegrinagg ta' tpattija ghan-nuqqasijiet li jkunu sehhew fix-xalar tal-Karnival. Din id-drawwa ilha gejja sa minn zmien il-Kavallieri ta' Malta u aktar ssahhet hekk kif gie introdott il-Karnival. Ix-xalar li kien igib mieghu l-Karnival kien jitlob li jsir tpattija ghalih u l-pellegrinagg li fil-bidu taz-zmien kien jinzamm f'Ras ir-Randan kien okazzjoni addatata biex jintlahaq dan il-ghan. Nies minn kull naha tal-gzira kienu jaslu Haz-Zabbar biex jizzuhajr lil Madonna tal-Grazzi ghal xi grazzi li jkunu qalghu bl-intercessjoni taghha jew ghal xi weghdi li jkunu ghamlu. Minhabba li Ras ir-Randan kien jum ta' xoghol il-pellegrinagg kien trasferit ghal Hadd ta' wara u minhabba l-follol li kienu jattendu, dan il-Hadd baqa' maghruf bhala Hadd in-Nies. Xi tmenin sena ilu din l-attivita' giet riorganizzata biex taghti tifsira religjuza minhabba li l-follol kienu jispiccaw il-jum jiddevertu fl-ikel u l-imbid. Sa ftit taz-zmien ilu kien jippartecipaw xi karrijiet zghar b'tema teligjuza izda inqatghu biex il-pellegrinagg isir b'inqas distrazzjonijiet.

## IL-BULLUTIN

Niftakar jien fil-bidu tar-Randan, is-sagristan kien iqassam bieb bieb il-bullettin. Dawn kienu jkunu ftit akbar mid- daqs tal-Karta tal-Identita'. Qrib l-Ghid, wiehed kien jiehu din il-bicca karta mieghu ghat-tqarbin u tinbidel f'karta ohra, li tkun turi il wiehed ikun ghamel it-tqarbin tal-Ghid. Din id-drawwa ilha li spiccat pero' l-obbligu li wiehed jitqarben ghal zmien il-Ghid baqa' jghodd xorta wahda.

Matul iz-zminijiet tar-Randan ghandek tiltaqa' mad-drawwa li f'xi parrocci fejn fihom issir il-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira, johorgu misteru kull gimgha ghad-devozzjonijiet tal-fidili.

## L-ERERCIZZI TAR-RANDAN

Ir-Randan huwa zmien ta' ezercizzi spiritwali. F'kull parrocca, knisja jew kappella jigu organizzati ezercizzi skond il-kategorija tan-nies biex dawn iservu ta' okazzjoni biex wiehed jiddritta fejn ikun mar zmerg fil-hajja tieghu tar-ruh. Filwaqt li f'dawn iz-zminijiet is-sacerdot jippridka minn fuq l-ambone jew minn nofs l-artal maggur fejn ikun hemm espost kurcifiss kbir, fl-imghoddi il-qassis kien jitla fuq palkett zghir armat apposta fil-knisja, b'mejda zghir fin-nofs u kurcifiss kbir fil-gemb. Fiz-zminijiet taghna l-priedki aktar jiffukaw fuq il-problemi tal-lum, filwaqt li fl-imghoddi kienu jitkellmu fuq suggetti li sfortunatament ftit li xejn jissemmew jew jekk jissemmew, jissemmew hafif hafif. Qed nirreferi ghas-suggetti bhalma huma l-infern, il-gudizzju, il-mewt, il-genna etc. Il-poplu kien jirrikorri hafna fl-imghoddi ghal dawn l-ezercizzi tar-Randan izda l-lum l-attendenza naqset hafna. Hafna jistghu ikunu r-ragunijiet ghal dan: forsi l-ghazz ghal hwejjeg t'Alla, jew il-hajja tal-lum ma thallix lok ghal Alla.
Fuq nota personali, nitolbu lil Alla biex jixhet il-grazzja tieghu Hu fuq uliedu biex dawn jisimghu l-Kelma Tieghu, ghax Alla biss irid ikun biex dan isehh. Kif jghid is-Salm ghalxejn jithabtu l-bennejja jekk ma jkun Alla niffsu li jibni l-belt.

Xi granet qabel Hamis ix-Xirka, jibdew it-thejjijiet biex jintrama s-sepukru. Dan jiddependi hafna mill-armar ta' l-istess Artal tar-Riposizzjoni. F'Malta u Ghawdex dawn is-sepulkri, kif inhuma maghrufa fostna, jolqtu l-ghajn minhabba li hafna minnhom huma originali u jkunu imzejna b'mod professjonali kif titlob l-okazzjoni.

## L-ERBGHA' TAT-TNIEBRI

L-Erbgha tal-Gimgha Mqaddsa kienu jsejhulha l-Erbgha tat-Tniebri. Il-Gemgha ta' l-insara kienet tiltaqa' fil-knisja biex hemm issegwi t-talb li jsir mis-sacerdoti kollha flimkien. Kien jinxteghel il-kandlier forma ta' trianglu li kien izomm fuqu 13-il xema. Dawn kienu xemghat puri, ta' lewn isfar maghmulha mix-xema tan-nahal. Waqt il-kant u f'kull salm kienu jitfu xema u l-ahhar wahda kienet iddum ftit tixghel. X'hin din kienet tintefa' l-migemgha kienet tinfexx thabbat fuq il-bankijiet biex ifakkru l-istorbju li ghamlu l-Lhud meta marru ghal Gesu fil-Getsemani.

## ID-DULURI

L-ahhar zmien tar-Randan idahhalna fil-Gimgha Mqaddsa. Jasal Hadd Lazzru, Hadd qabel Hadd il-Palm; Hadd il-Passjoni, meta kienu jghattu l-inkwadri bi drapp vjola, l-inkwadri kollha minbarra tal-Via Sagra, ghaliex aktar ma toqrob il-Gimgha l-Kbira, aktar tikber id-devozzjoni tal-Via Sagra. Nhar il-Gimgha ta' qabel Hadd il-Palm, jigifieri tmint ijjiem qabel il-Gimgha l-Kbira tahbat il-festa tad-Duluri, festa devota. Dak in-nhar dari kienu jsumu hobz u ilma, sawma msejha s-Sawma tas-Seba' Bukkuni, bhalma tfakkarna din it-taqbila:

F'gieh in-niket tad-Duluri,
loqma hobz jahasra ‘tuni,
f'din is-sawma hobz u ilma
ghandi bzonn seba' bukkuni.

Dawk li kienu jsumu hobz u ilma kienu jduru u jigbru seba' bukkuni minghand in-nies biex jumiljaw ruhhom, imbaghad, jieklu bukkun u l-ohrajn kienu jqassmuhom lill-fqar. Il-festa tad-Duluri hija festa devota tabilhaqq u tqanqal devozzjonijiet kbar.
Il-Gimgha filghaxija issir il-purcissjoni ta'Duluri li fiha jiehu sehem tista' tghid il-magguranza tal-poplu. Numru ta' partecipanti jaghzlu li jimxu hafjin biex itemmu xi weghda ghall-grazzji li jkunu qalghu bl-intercessjoni ta' Omm Gesu' Addolorata.

## HADD IL-PALM

Wara l-festa tad-Duluri jigi Hadd il-Palm jew Hadd iz-Zebbug. F'dan il-jum issir il-Purcissjoni bil-weraq tal-Palm u z-Zebbug imbierek, u fil-quddiesa jinqara l-Passju jew ahjar l-istorja tal-Passjoni. Dan il-weraq kienu juzawh biex f'Sibt il-Ghid u fi zminijiet ohra jbahhru bih. Ta min ikun jaf li l-irmied ta' Ras ir-Randan jew l-Erbgha tar-Rmied isir ukoll minn dan il-weraq is-sena ta' qabel.

Hadd il-Palm kien festa interessanti hafna ghat-tfal Ghawdxin. Huma kienu jaghmlu hafna gheliem tal-passjoni bil-weraq tal-palm: Salib, salib tal-Kavalieri mzejjen b'werqa zebbuga, salib bis-sellum, tnalja u martell, kuruna, musmar, sellum, xabla, xi curkett u hekk.

Iz-zebbug imbierek nhar Hadd il-Palm, minbarra t-tbahhir kienu juzawh ukoll biex iqeghduh fil-pruwa ta' xi qoxra tal-bahar; xi lanca, luzzu jew kajjikk indendluh f'xi maqjel, u juzawh bhal asperges meta jitfghu l-ilma mbierek fuq xi hadd qieghed imut. It-tifsira ta' dan kollu hu biex wiehed inissel fuqu l-barka u jbieghed minnu kull ghawc.

## HAMIS IX-XIRKA

F'Hamis ix-Xirka ma jsir ebda quddies fil-parrocci fil-ghodu, izda biss wahda fil-Katidral fejn fiha isir it-tberik taz-zjut tas-sagramenti. Filghaxija imbaghda ssir quddiesa wahda f'kull parrocca fejn fiha isir il-hasil tas-saqajn, b'tifkira ta' dak li ghamel is-Sinjur taghna Gesu' Kristu fl-ahhar cena li hu ghamel mad-dixxipli tieghu. Il-qniepen tal-knisja kemm dawk kbar kif ukoll dawk zghar kienu indaqqu ma' l-intonazzjoni tal-Glorja biex imbaghad jibqu siekta sa l-intonazzjoni l-ohra tal-Glorja ta' Sibt il-Ghid. Flokhom tiehu postha c-cuqlajta.

Wara il-quddiesa Kristu jigi espost fl-artal tar-Riposizzjoni jew kif inhu maghruf hafna fostna, is-Sepulkru. Hafna u hafna huma l-insara li il-Hamis filghaxija sa' nofs il-lejl jaghmlu x-xirka jew jinghaqdu flimkien, gruppi, gruppi jew familja, familja biex jaghmlu seba' zjajjar lis-Sagrament. Dawn il- gruppi jmorru minn knisja ghal ohra joffru l-qima taghhom lil Gesu' u fit-trieq jghidu ir-Ruzarju.

## IL-GIMGHA L-KBIRA

Il-purċissjonjiet mhux dejjen kienu joħorġu f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, f'Ħal Qormi kienu joħorġu f'Ħadd il-Palm fil-waqt li fil-Belt u l-Isla kienu joħorġu fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka. Fir-Rabat u Bormla l-purcissjoni kienet toħroġ f'jum il-Ġimgħa l-Kbira f'inżul ix-xemx. Fl-1879 l-Isqof Scicluna ordna li l-pruċissjonijiet kollha jridu jsiru kollha f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Fil-Birgu kienu jsiru 3 purċissjonjiet waħda l-Erbgħa tat-Tniebri li kienet toħroġ mill-Knisja tal-Karmnu. Fiha kienu jieħdu sehem skajvi mgħammdin u oħrajn ikkundannati jaqdfu fl-Iġfna ta' l-Ordni dawn kien jkunu bil-ktjajjen Iġorru salib. Jista' jkun li minn hawn ħarġet id-drawwa li nies ħafjin bil-ktajjen ma' saqajhom u jġorru salib jimxu wara l-vari bħala penitenza jew bħala radd għal xi grazzja maqlugħha. Oħra kienet toħroġ f''Ħamis ix-Xirka u l-aktar importanti kienet issir f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira li kienet toħroġ mill-Knisja ta' San Lawrenz.

Il-lum il-purcissjonijiet kollha jsiru fil-jum tal-Gimgha l-Kbira hlief ghal zewg parrocci, dawk ta' Hal Ghaxaq u il-Gharghur li jaghmluhom f'Hadd il-Palm. Il-purcissjonijiet ta' dawn iz-zminijiet huma differenti minn dawk li kienu jsiru qabel: gruppi ta' personaggi biblici hadu post il-hafna fratelli ta' dari u ghadek issib li f'xi uhud mill-manifestazzjonijiet nies igorru l-ktajjen. Dawn ifakkruna meta l-ilsiera kienu jaghmlu weghda li jkaxkru l-ktajjen tal-jasar fil-purcissjoni tal-Birgu. F'dan il-jum, il-qniepen ikunu hiemda, u xi drabi jdoqqu c-cuqlajta. In-numru ta' vari jvarjaw minn parrocca ghal ohra, pero' il-hames misteri huma komuni ghal kollha. Il-purcissjonijiet tista' tghid kollha jdumu madwar erba sighat jigru mat-toroq ewlenin tar-rahal jew belt. Ma jonqosux in-noti muzikali ta' marci funebri li jaghmlu mill-okazzjoni wahda solenni.

Fl-antik il-purcissjonijiet tal-Gimgha l-Kbira kienu differenti hafna minn tal-lum. Wara l-istandard tal-fratellanza kienu johorgu l-vari wahda, wahda segwiti minn fratelli; xi uhud kien ikollhom is-slaleb, ohrajn torci, izda kulhadd kien ikollu rasu moghtijja b'kapott b'zewg toqbiet ghal-ghajnejh. Hafna minnhom kienu jgorru l-

ktajjen. Fanali bix-xema jixghelu f'kull rokna tal-vara kienu jhallu effett mill-isbah meta jaqa' id-dlam. Il-banda tar-rahal jew belt kienet tiehu sehem bl-ahjar marci.

## IL-HELU TAR-RANDAN

Minhabba li dari s-sawn tar-Randan kien rigoruz hafna kienu joqghdu lura u ma jieklux hlewwiet. Xi haga speci ta' helu li kienet popolari dari kemm mat-tfal kif ukoll mal-kbar fiz-zminijiet tar-Randan kienu l-karamelli maghmula mill-harrub, l-ghasel u gulepp. Il-lum ghadek tar xi ragel b'qoffa f'idu ibiegh minn dan il-helu tul il-gimgha tal-Gimgha Kbira.

Matul ir-Randan wiehed isib il-verzjoni maltija tal-hot cross buns bis-sinjal tas-salib jidher car fil-wicc tal-helu. Imma l-aktar helu famuz u renomat ta' zmien ir-Randan hu il-kwarezimal.
Imbaghad hemm il-qaghaq ta' l-appostli li huma hobz forma tonda miksina bil-gunglie l u lews. Huma tentazzjoni kbira biex tiekolhom specjalment jekk il-butir ikun vicin.